QORTI CIVILI PRIM' AWLA

ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.

Illum il-Gimgha, 6 ta' Lulju 2001

Numru 16

Citaz. Nru. 1576/95 FDP

Carmela u zewgha Anthony Trevisan u Giuseppa Schembri;
U b'digriet ta' l-14 ta' April 2000, l-atti tal-kawza gew trasfuzi ghal fuq Rose Schembri, Joseph Schembri, Alfred Schembri, Josephine Brincat, Philip Schembri u Martin Schembri minflok Giuseppa Schembri.

Vs

Avukat Christopher Cilia u l-Prokuratur Legali Juliana Scerri Ferrante nominati b'digriet tal-15 ta' Mejju 1996 kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-assenti Kurt Adolf Rahmlow

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-atturi pprezentata fl-10 ta' Ottubru 1995, li bih l-atturi ppremettew:-

Illi Carmela u zewgha Anthony Trevisan ttrasferew lill-konvenut l-appartament numru 3, Peace Flats, fi Triq is-Sajjieda, Zurrieq u dan skond kuntratt relattiv;

Illi t-telefon installat f'dan l-appartament huwa rregistrat f'isem Giuseppa Schembri, omm l-attrici;

Illi l-attrici Carmela Trevisan u ommha Giuseppa Schembri rcevew kont tat-Telemalta u sussegwentement ittra ufficjali li biha gew interpellati jhallsu l-arretrati tat-telefon fis-somma ta' Lm1560.58;

Illi l-pulses in kwistjoni ma sarux mill-atturi izda mill-kompratur ta' l-appartament in kwistjoni u cioe` l-assenti Kurt Adolf Rahmlow;

Illi wkoll il-kera tal-linja tat-telefon kellha wkoll tithallas minn l-imsemmi Kurt Adolf Rahmlow;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi l-pulses in kwistjoni ma sarux mill-attrici izda mill-kompratur ta' l-appartament in kwistjoni;

2. Tikkundanna l-konvenut ihallas l-arretrati u l-kera tat-telefon in kwistjoni fis-somma ta' Lm1560.58;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Carmela Tevisan, il-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-Digriet taghha tal-15 ta' Mejju 1996 li permezz tieghu gew nominati l-Avukat Dr. Christopher Vella u l-Prokuratur Legali Juliana Scerri Ferrante bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti konvenut Kurt Adolf Rahmlow;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi li giet ipprezentata fil-5 ta' Novembru 1996 li biha eccipixxa:-

1. Illi f'dan l-istadju huma mhumiex perfettament edotti mill-fatti u jirriservaw id-dritt li jipprezentaw nota ta' l-eccezzjonijiet fi stadju ulterjuri anke wara li jkunu rcevew id-direttivi opportuni minghand l-assenti Kurt Adolf Rahmlow;

2. Salv kull eccezzjoni ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess kuraturi u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat ukoll id-digriet taghha tat-12 ta' Lulju 1999 li permezz tieghu, wara rikors appozitu,

awtorizzat lill-konvenut jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri li giet ipprezentata fis-7 ta' Settembru 1999 li fiha l-kuraturi eccipew:-

1. Illi t-talbiet attrici kienu intempestivi u inoltre kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-atturi kienu ghadhom ma ssaldawx il-kreditu taghhom mas-socjeta` Maltacom plc u ghaldaqstant ma kienux kredituri, fis-sens li trid il-ligi, tal-konvenut Kurt Adolf Rahmlow;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti kuraturi u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkonsidrat:-

<u>Provi</u>:-

Illi l-atturi Carmela u Anthony konjugi Trevisan kienu proprjetarji tal-flat numru tlieta (3), Peace Flats, Triq is-Sajjieda, iz-Zurrieq. L-attrici Carmela Trevisan fl-affidavit taghha (fol 24 tal-process) spjegat illi "*Fil-frattemp*

*iddecidiet li tokkupa dan il-fond ommi u ghaldaqstant hija ghamlet applikazzjni lit-Telemalta Corporation biex jigi nstallat telephone fil-flat in kwistjoni."* Ommha hija l-attrici l-ohra Giuseppa Schembri. L-applikazzjoni ghamlitha fl-14 ta' April 1987;

Illi Carmela Trevisan kompliet tispjega illi ftit wara l-applikazzjoni hija ddecidiet li ma tokkupax il-fond minhabba li kien fih sebghin targa. Ghalhekk il-fond gie ttrasferit lil Kurt Adolf Rahmlow. Dan kien fit-2 ta' April 1988;

Illi sussegwentement fit-13 ta' Gunju 1989 kienu baghtu acknowledgement ta' l-applikazzjoni lil Giuseppa Schembri kif jidher mid-Dokument A li huwa esebit a fol 26 tal-Process. Imbaghad fis-16 ta' Gunju 1989 kienu baghtulha ittra ohra fejn qalulha biex tmur thallas il-lira (Dok B);

Illi Carmela Trevisan, fl-affidavit taghha (fol 29) spjegat illi hija kienet marret sabiex thassar l-applikazzjoni ghat-telefon, izda "*… l-impjegat tat-Telemalta Corporation qalli sabiex inhallas il-lira ghan-nom ta' Kurt Adolf Rahmlow, peress li dan xtaq li jdahhal it-telefon fl-istess post u dan sabiex ma tintilifx l-applikazzjoni. Il-kaxxier, pero`, hareg l-ircevuta f'isem ommi flok f'isem il-Germaniz Mr Rahmlow. Meta mort inhassar l-applikazzjoni l-proprjeta` kienet diga` inbieghet lill-istess Mr Rahmlow …"*;

Illi l-attrici Carmela Trevisan fl-affidavit taghha (fol 24) xehdet li "*Fl-1994 it-Telemalta baghtu kont lil Josephine Schembri (il-mama`)."*;

Illi l-konvenut Rahmlow da parti tieghu ma pproduciex provi. Il-kuraturi li gew nominati biex jirrapprezentawh ipprezentaw kopja ta' ittra li huwa baghat lill-Avukat Dr. Christopher Cilia (Dok B a fol 21), fejn huwa jghid li l-ammont mitlub mit-Telemalta huwa esagerat u li jiftakar kien ikun hemm hafna *crossed lines* meta kien ikun qed juza t-telefon in kwistjoni.

Konsiderazzjonijiet:-

Illi l-atturi, il-konjugi Trevisan ma kellhomx interess fil-kawza peress illi l-kont inhareg fuq isem Giuseppa Schembri li kienet il-persuna li ghamlet l-applikazzjoni ghas-servizz tat-telefon. Carmela Trevisan fl-Udjenza ta' l-20 ta' Ottubru 1999 xehdet illi c-citazzjoni fethitha hi " … *peress illi l-mama`, li dak iz-zmien kienet hajja, kienet ma tiflahx u ma setghetx tagixxi"*. Pero` l-Qorti tosserva li l-konjugi Trevisan ma ghamlux il-kawza ghan-nom ta' Schembri, izda flimkien maghha.

Jirrizulta li l-attrici Giuseppa Schembri, skond ma xehdet l-attrici Carmela Trevisan, hija illum mejta, u dan gie wkoll konfermat mic-certifikat tal-mewt li jinsab esebit a fol 89 tal-process u wara rikors appozitu l-atti gew trasfuzi f'isem l-eredi taghha skond digriet moghti fl-Udjenza ta' l-14 ta' April 2000; l-atturi konjugi Trevisan huma wkoll eredi tad-decujus;

Illi ma jirrizultax li l-attrici Giuseppa Schembri hallset il-kont tat-telefon in kwistjoni, u allura, kif eccepit fin-nota ta' l-eccezzjonijiet

ulterjuri tal-konvenut, mhijiex kreditrici fis-sens li trid il-ligi, tal-konvenut Rahmlow;

Illi irid jigi rilevat li ghalkemm fic-citazzjoni ssemma il-kont mahrug mill-Maltacom, dan ma giex esebit u ghalhekk il-Qorti ma setghetx tikkonferma l-ammont mitlub u anqas minghand min qed jintalab il-hlas;

Illi is-sentenza esebita "Farrugia vs Gucluol et" kienet decizjoni fuq talba ta' danni u f'kull kaz il-Qorti tifhem li l-atturi ma jistghux jaghmlu talba fuq debitu li sa issa huwa biss ipotetiku; ma rrizultax li l-Maltacom ipprocedew gudizzjarjament u ghalhekk jekk tigi milqugha t-talba attrici, jista' jigri li l-konvenut jigi kkundannat u jhallas l-ammont mitlub, lill-atturi, u meta eventwalment il-Maltacom tipprocedi bil-Qorti l-azzjoni tigi kontestata dwar l-ammont mitlub jew adirittura tigi eccepita l-preskrizzjoni; huwa ghalhekk li l-Qorti tikkonsidra li t-talba ghal hlas tal-kont tal-pulses hija intempestiva.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenuti *nomine* u konsegwentement tichad it-talbiet attrici.

L-ispejjez jithallsu mill-istess atturi.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur